**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2016**

**Kawza Nru. 18**
**Rik. Gur. Nru. 1058/12 JZM**

**Taylor Edyta Marie Tereza**
**(ID 19925A)**

***kontra***

**Dudley Ward Roger**
**(ID 76504L) u b`digriet tal-10 ta` Jannar 2013 gew nominati bhala Kuraturi Deputati Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-P.L. Melissa Anastasi**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta` Ottubru 2012 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-attrici kienet f`relazzjoni mal-konvenut u tul dan iz-zmien selfet lill-konvenut l-ammont ta` tletin elf Ewro (€30,000) tul perjodu ta` tlett snin liema ammont qatt ma gie mhallas lura lilha ;*

*2. Illi l-attrici biex selfet dawn il-flus lill-konvenut kellha tigbed il-flejjes kollha taghha mill-banek u bieghet xi mobbli biex issellef dawn il-flus lill-konvenut ;*

*3. Illi peress li dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut lill-attrici rikorrenti hija tal-fehma li l-intimat m`ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti in vista tas-suespost umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta` l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tiddikjara lill-intimat debitur ta` l-attrici fl-ammont ta` tletin elf Ewro (€30,000).*

*3. Tikkundanna u tordna lill-intimat ihallas lill-attrici l-ammont hekk dovut flimkien ma` l-imghax legali mid-data ta` din il-procedura sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici.

Rat in-nota li pprezenta l-konvenut fil-21 ta` Dicembru 2012 skond l-Art 170(1) tal-Kap 12.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenut li kienet ipprezentata fil-11 ta` Frar 2013 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament in-nullita` tar-rikors guramentat stante l-fatt illi l-att servut lill-eccipjenti huwa rritu u null u jonqsu t-timbru tar-Registru tal-Qrati Superjuri. Lanqas ma jidher li l-istess citazzjoni giet iffirmata minn Imhallef sedenti fil-Prim` Awla tal-Qorti Civili u ma hemm ebda ordni sabiex l-istess eccipjenti jidher f`data u post partikolari.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici naqset fil-premessi tac-citazzjoni tiddikjara meta allegatament sar dan is-self u x`tip ta` self sar, minkejja li l-istess attrici talbet ghar-radd lura tas-self bl-imghax legali u ghaldaqstant l-eccipjenti qieghed minn issa jirrizerva li jipprezenta nota ta` eccezzjonijiet ulterjuri sabiex iressaq eccezzjonijiet ohra, fosthom il-preskrizzjoni, skond il-kaz.*

*3. Illi minghajr pregudizzju, f`kull kaz, it-talbiet attrici huma ntempestivi stante illi l-konvenut qatt ma gie nterpellat ufficjalment jew ghall anqas legalment, b`dawn it-talbiet u l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom ikunu a kariku ta` l-attrici.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li qatt sar xi self mill-attrici lill-eccipjenti.*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhux debitur tal-attrici ghall-ebda ammont ta` flus.*

*7. Illi in linea sussidjarja l-lista tax-xhieda kif riportata mill-attrici mhijiex skont il-ligi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

**Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-udjenza tat-23 ta` April 2013 fejn <u>irtira</u> l-ewwel eccezzjoni.**

**Rat id-digriet li tat din il-Qorti <u>diversament presjeduta</u> fl-udjenza tat-13 ta` Gunju 2013 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Dr. Yvette Cassar sabiex tisma` l-provi tal-partijiet <u>limitatament</u> dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet.**

**Rat illi <u>fir-realta`</u> l-Assistent Gudizzjarju kellha tisma` l-provi dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet, ladarba l-ewwel (1) eccezzjoni kienet irtirata fl-udjenza tat-23 ta` April 2013.**

**Rat id-digriet li tat din il-Qorti <u>kif presjeduta</u> fl-udjenza tas-27 ta` April 2015 fejn irrevokat l-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju Av. Cassar, u rrikjamat il-kawza sabiex tkompli tinstema` quddiemha.**

Rat l-atti kollha ta` dan il-procediment meta kien kondott mill-Assistent Gudizzjarju, inkluzi l-provi u l-atti l-ohra li ngiebu ghall-konjizzjoni taghha.

Semghet ix-xiehda tal-attrici fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet fuq riferiti.

Rat in-nota ta` referenzi tal-konvenut.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**<u>L-attrici</u>** xehdet illi ltaqghet mal-konvenut madwar sitt snin ilu. Huwa qalilha li kien ser ibiegh proprjeta` go Marsaxlokk u kien qed jistenna li n-nutar jikkomunika mieghu biex imur jiffirma xi dokumenti. Il-konvenut qalilha li kien ser jircievi Lm5,000 ghal dik il-proprjeta`. Minn dan kollu ma gara xejn.

Kompliet tixhed illi l-konvenut kien ilu Malta ghal madwar tnax (12) -il sena u qatt ma hadem.

Intalab jivvaka minn fond fejn kien qed jghix.

Tghid l-attrici illi l-konvenut talabha biex imur ighix go kamra fl-appartament taghha. Skont l-attrici, il-konvenut qalilha dan kien ser ikun ghal perijodu qasir. Hija accettat.

Tghid illi ftit zmien wara ndunat li l-konvenut kellu problema serja ta` l-abbuz ta` alcohol. U spiccat tonfoq hafna spejjez f`ikel, sigaretti, alcohol.

Qalet illi l-konvenut kien jixrob dak kollu li kellha d-dar tant li spiccat taghtih il-flus biex imur il-pub, flus biex imur il-Belt Valletta, u anke hallsitlu l-kontijiet ta` l-avukati tieghu.

Tistqarr illi fil-bidu talbet lill-konvenut biex imorru ghand nutar sabiex isir kuntratt fejn jitnizzel li huwa kellu jhallasha lura talli qed tmantnih.

Tfisser l-attrici illi hija kienet thallas l-ispejjez kollha tal-konsum tad-dawl u ta` l-ilma, kif ukoll il-kontijiet tat-telephone. Madanakollu, il-konvenut dejjem kien iwieghdha li malli kien ser jircievi xi flus, kien ser ihallasha lura. Dan izda qatt ma gara. Dan kellu l-konsegwenza li spiccat hadet zewg *loans* sabiex tkun tista` tkompli tmantni lill-konvenut.

Tghid illi hadet lill-konvenut maghha l-bank sabiex tara jekk setghetx tintuza proprjeta` tieghu biex taghmel tajjeb ghas-self bankarju. Gara pero` li l-konvenut ghamel xenata tant li l-mamanger qallu biex jitlaq. Spiccat hadet is-self hija stess.

Issostni li waslet fis-sitwazzjoni fejn ma setghetx tkompli thallas il-*loan*. Spiccat illi tilfet terz mill-pensjoni taghha ta` l-Ingilterra peress li kellha tizbanka flus li kellha investiti. Fil-bidu l-*loans* kienu jammontaw ghal €26,000. Tinsisti li kienet infurmat lill-konvenut li hadet is-self sabiex tmantnih ; huwa dejjem assiguraha li kien ser ihallasha lura. Il-konvenut baqa` jghix maghha sal-2011. Taha lura €3,000 meta kellu jaghtiha lura €15,000 sabiex ta` l-inqas tithallas *loan* wahda.

L-attrici kompliet tixhed li s-sid tal-post fejn kienet tghix wasal biex qalilha illi ma setghetx tkompli zzomm lill-konvenut ighix fil-post. Ghalhekk talbet lill-konvenut biex isib x`imkien iehor. Huwa ma riedx jitlaq u kellha ghalhekk titlaq minn dak il-post u spiccat tilfet €750 ghaliex halliet il-post qabel ghalaq il-kuntratt tal-kera. Kellha mbaghad thallas kera ta` €350 biex issib appartament kbir bizzejjed biex jghixu zewg persuni fil-Qawra. Kompliet tinsisti li l-flus li ssellfet uzathom kollha biex tmantni lill-konvenut. Wara saret taf li l-

konvenut kien xtara dghajsa ghal €5,000 minflok ta l-flus lilha sabiex taqta` mis-self.

L-attrici tghid illi l-konvenut ghandu l-vizzju tax-xorb kif ukoll jiehu d-drogi. Spicca tella` kont ta` €26,000. Kien jonfoq madwar €30 kuljum f`xorb, birra, sigaretti u ikel ; dan apparti medicini, phone cards, mizati ta` dentist u avukati, kif ukoll kera ta` l-appartament, hwejjeg, bzonnijiet ohra personali, rigali tal-Milied, u hsarat li kkaguna fil-kompjuter u fil-karozza.

Tixhed l-attrici illi fit-18 ta` April 2011 kienet irceviet email minghand il-konvenut b`risposta ghal sms li kienet baghtet hi lilu fejn talbitu l-flus li kellu jroddilha.

Fil-**kontroezami**, l-attrici xehdet illi hija ltaqghet mal-konvenut ftit qabel l-gheluq is-sittin sena taghha, ossija tmien snin ilu. Il-konvenut mar joqghod maghha ghax ma kellux flus. Qatt ma hadem go Malta u kellu jaghti hafna flus lin-nies inkluz lilha. Dejjem weghdha li kien ser ihallasha. Offrielu saqaf fuq rasu fi zmien il-Milied. Ghalkemm kellu jitlaq f`Jannar spicca baqa` jghix maghha ghal sentejn. Il-konvenut kien ighidilha li kien ser jikkonkludi bejgh u b`hekk ikollu flus mnejn ihallas. Bejniethom qatt ma saret skrittura dwar self.

Meta mistoqsija tispjega ghala kienet qeghda tallega li l-konvenut kellu hafna dejn meta in effetti l-konvenut ma kellux pendenzi gudizzjarji dwar dan l-allegat dejn, l-attrici wiegbet illi f`okkazjoni minnhom, il-konvenut kellu jhallas Lm 50 lil APS Bank. Peress li baqa` jinsisti li ma riedx ihallas, kienu saru proceduri fil-Qorti u huwa kien ordnat ihallas somma ikbar. Meta giet mistoqsija kif baqghet tghix mal-konvenut ladarba dan allegatament kien holoq tant problemi, l-attrici evitat li twiegeb u sostniet li hija qatt ma kienet f`relazzjoni mal-konvenut. Mistoqsija jekk ipprezentatx din il-kawza immedjatament kif il-konvenut beda relazzjoni ma` haddiehor, l-attrici cahdet li hekk ghamlet u sostniet li hija ipprezentat il-kawza billi l-konvenut ma tahiex flus minkejja li kien iweghdha li ser ihallasha.

Il-Qorti staqsiet lill-attrici jekk kienx hemm ftehim mal-konvenut dwar hlas ta` interessi. It-twegiba tal-attrici kienet fis-sens illi hija ftehmet mal-konvenut li kellu jhallas interessi bir-rata tal-bank ghalkemm tghid li ma ghamlet l-ebda verifika ta` kemm kienu l-interessi tal-bank. Meta murija d-dokument a fol 168 sa 170 tal-process, l-attrici sostniet li kien hemm aktar ammonti li kienu dovuti lilha. Il-kapital dovut kien jammonta ghal madwar €23,000 jew €24,000 Ewro ; kien hemm imbaghad l-interessi. Tghid li ghaliha l-fatt illi kienet thallas ghall-ispejjez tal-konvenut, kien jammonta ghal self. Mistoqsija ghaliex ma pprezentatx il-kawza kontra l-konvenut fiz-zmien meta dan nefaq l-flus ghal xiri ta` dghajsa minflok ghaddihom lilha, l-attrici sostniet li

kien hemm il-weghda tal-konvenut li kien ser ihallasha u li kien ser ibiegh id-dghajsa bi prezz akbar minn dak li xtraha.

Mistoqsija mill-Qorti r-raguni ghalfejn accettat li l-konvenut jghix maghha, l-attrici sostniet li ghamlet att ta` karita` mieghu ghaliex kien spicca barra t-triq. Mistoqsija jekk kienx hemm ftehim li l-konvenut kien ser jirrimborsa lill-attrici l-flus li kienet qed thallas ghalih, l-attrici baqghet tinsisti li l-konvenut kien ghamel weghda maghha li kien ser ihallasha. L-attrici tghid illi l-konvenut kellu jghix maghha ghal sitt gimghat. Mistoqsija ghalfejn ma ghaddietx ghat-tkeccija tal-konvenut wara li ghaddew is-sitt gimghat, l-attrici tghid li talbitu jaghmel hekk ghal hames darbiet, izda huwa qatt ma telaq.

L-attrici tixhed li bis-self li ghamlet mal-bank hija biss setghet tigbed il-flus.

Sostniet li ghalkemm hi u l-konvenut kienu jghixu taht l-istess saqaf, lanqas biss kienu jitkellmu.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed li hu u l-attrici kienu jghixu fl-istess appartament fil-Qawra ghal madwar sentejn. Huwa telaq mill-appartament ta` l-attrici madwar tlett snin ilu. Meta kien ighix mal-attrici l-Qawra kien jaqsmu l-hlas tal-kera l-kera bejniethom ; l-istess ghall-ikel u affarijiet ohra. Min-naha tieghu huwa dejjem hallas bi flus kontanti.

Qal illi l-kera kienet thallasha l-attrici pero` huwa kien ighati lill-attrici nofs il-flus. Ma kienx jahdem fiz-zmien meta kien ighix mal-attrici. Ighid illi dak iz-zmien kien biegh xi proprjetajiet. L-attrici qatt ma semmietlu li huwa kellu xi *loan* maghha. Fil-fatt huwa qatt ma ssellef xejn minghand l-attrici. Kien muri email tieghu datata 18 ta` April 2011, u mistoqsi ghaliex baghtha. Wiegeb fis-sens illi ried javza lill-attrici kif kien ghaddej in-negozju tieghu u x`kien qed jaghmel. L-attrici ma kellha qatt sehem mill-proprjeta` tieghu.

Filwaqt illi l-konvenut ikkonferma li dam zmien ighix mal-attrici, huwa ma kellux relazzjoni maghha, tant illi meta sab *girlfriend,* telaq mill-appartament. L-attrici kienet dizappuntata bid-decizjoni tieghu u ftit wara saret din il-kawza.

Il-konvenut jinsisti li ma kellux bzonn flus biex jghix ghaliex kellu dhul mill-bejgh ta` propjeta` li kien wiret ; biegh assi minn dak il-wirt. Mhux minnu li kellu bzonn lill-attrici sabiex tmantnih u thallaslu l-kontijiet.

Il-konvenut cahad li qatt mar mal-attrici l-bank biex tiehu self.

Ighid illi fl-2009 bi flus tieghu akkwista dghajsa bil-prezz ta` €3,000. Sostna li kien ilu zmien ma jixrob u cahad li qatt inghata flus mill-attrici ghal *pocket money*, jew bhala mezz ta` manteniment ghalih, ghalkemm jaccetta li l-attrici gieli taghtu rigali f`okkazjonijiet specjali ; okkazjoni wahda kienet meta ltaqa` ghall-ewwel darba ma` l-avukat tieghu Dr Joseph Brincat u l-attrici hallset €50 li kienet il-mizata mitluba. Huwa rrifonda lill-attrici.

Il-konvenutipprezenta dokument miktub mill-attrici li nghata lilu fil-gurnata meta telaq mill-appartament tal-attrici. Sostna li huwa dejjem hallas lill-attrici tal-ispejjez li ghamlet mieghu. Ipprezenta ittra ta` Vodafone – ighid hu – bhala prova li ma kellux bzonn *phone cards* bhalma allegat li kienet tixtrilu l-attrici. Ipprezenta wkoll kuntratti ta` propjetajiet li ghamel u ricevuti ta` hlasijiet li ghamel ghall-bzonnijiet personali.

Xehdet ukoll **Audrey Ghigo** - rapprezentant ta` HSBC Bank Malta plc.

**Billi Audrey Ghigo xehdet dwar il-mertu, mhux dwar l-eccezzjonijiet li qeghdin jigu decizi llum, it-testimonjanza taghha qeghda tigi skartata ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.**

## III. It-tieni eccezzjoni

Bit-tieni eccezzjoni, il-konvenut qieghed jeccepixxi li fil-premessi tar-rikors guramentat, l-attrici naqqset milli tiddikjara meta allegatament sar is-self u x` tip ta` self sar, minkejja li hija talbet radd lura ta` self bl-imghax legali.

Minn ezami tar-rikors guramentat, jidher li l-attrici kienet f`relazzjoni mal-konvenut, u matul dan iz-zmien, hija tghid illi silfet lill-konvenut l-ammont ta` €30,000 tul perijodu ta` tlett snin, liema ammont qatt ma thallas lura. Talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta` dan l-ammont flimkien ma` l-imghax legali mid-data ta` din il-procedura sad-data tal-pagament effettiv.

In segwitu, kemm fl-affidavit taghha, u kif ukoll fil-kontroezami, l-attrici ccarat ruhha fis-sens illi tghid illi hija ltaqghet mal-konvenut madwar tmien snin qabel, bdiet tmantnih, u thallas hi ghall-bzonnijiet tieghu b`mod immedjat tant li spiccat fis-sitwazzjoni fejn kellha tottjeni self f`zewg okkazjonijiet mill-bank.

Il-Qorti mhijiex tara illi din l-informazzjoni - jaqbel jew ma jaqbilx maghha – tqieghed lill-konvenut fl-impossibilita` li jressaq difiza kontra l-pretensjonijiet ta` l-attrici.

Il-Qorti tghid illi b`dak li hareg mix-xiehda tal-attrici kien indirizzat dak li kien eccepit mill-konvenut fit-tieni eccezzjoni. Xejn ma jzomm lill-konvenut illi, jekk jidhirlu, jaghmel talba lill-Qorti sabiex iressaq eccezzjonijiet ulterjuri, abbazi ta` dak li rrizulta mix-xiehda tal-attrici, dment illi t-talba tkun tidhol fil-parametri li trid il-ligi sabiex isiru eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-Qorti mhijiex tara illi, abbazi tat-tieni eccezzjoni, ghandha twarrab l-azzjoni attrici fl-intier taghha. Hija kostanti l-linja traccjata mill-qrati taghna illi att gudizzjarju ghandu kemm jista` jkun jigi salvat. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti mhijiex tara cirkostanzi estremi li ghandhom jwassluha sabiex twarrab l-att.

Eccezzjoni tax-xorta bhal din taht ezami tinghata konsiderazzjoni li kieku ghadhom japplikaw il-formalizmu u r-rigorozita` tal-imghoddi. Anke effett tal-emendi ghall-Kap 12 li dahlu bl-Att XXIV tal-1995, in-nullita` ta` l-atti gudizzjali llum hija meqjusa bhala sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqas (formali jew sostanzjali) fl-att ma jistax jigi assolutament tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk rikors guramentat ghandu jitwaqqa` jew jigi annullat biss ghal ragunijiet gravi (Qorti tal-Appell : 28 ta` Frar 1997 : "**Charles Fino vs Alfred Fabri noe**"). Sakemm ma tkunx nullita` li tkun tirrizulta espressament mil-ligi, li mhuwiex il-kaz tal-lum, eccezzjoni ta` nullita` minhabba inosservanza ta` formalita`, bhal ma hija fis-sostanza t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, m`ghandhiex tintlaqa` sakemm ma jirrizultax li l-konvenut ikun sejjer isofri pregudizzju rreparabbli (Appell Civili : "**Albert Portelli vs Dr Riccardo Farrugia**" : Vol. LXXXII.II.1305). Fil-kaz tal-lum, dan it-tip ta` pregudizzju ghall-konvenut ma jirrizultax.

**Ghalhekk qeghda tichad it-tieni eccezzjoni**.

## IV. It-tielet eccezzjoni

Bit-tielet eccezzjoni, il-konvenut eccepixxa l-intempestivita` tat-talbiet attrici ghaliex ighid illi qabel saret il-kawza, qatt ma kien interpellat b`ittra legali jew b`att gudizzjarju ; ghalhekk l-ispejjez tal-kawza ghandha tbatihom l-attrici.

La fir-rikors guramentat u lanqas waqt il-gbir tal-provi, l-attrici ma taghmel l-ebda referenza ghal ittri ufficjali li pprezentat kontra l-konvenut jew ghal ittri interpellatorji li baghtet lill-konvenut.

Dwar l-eccezzjoni ta` l-intempestivita`, inghad diversi drabi li l-eccezzjoni hija ta` natura dilatorja u ghandha titqajjem *in limine litis*. Hekk sar fil-kaz tal-lum. Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**<u>PA/MCH</u>**) fit-28 ta` Mejju 2012 fil-kawza "**<u>HSBC Bank Malta plc gia` HSBC Home Loans (Malta) Limited vs Thomas John Mansfield et</u>**" kien spjegat illi l-eccezzjoni ta` intempestivita` jista` jkollha riperkussjonijiet fuq il-kap ta` l-ispejjez anke jekk l-eccezzjoni tkun respinta. Inghad :-

*"Ghalkemm jidher illi l-interpretazzjoni ufficjali tal-2009 saret qabel saru xi hlasijiet mill-konvenuti pero` ma saret l-ebda interpellazzjoni ghall-arretrati dovuti fl-2010 kif kien sar precedentement ghal arretrati dovuti fl-2010. Madankollu din il-Qorti tqis illi l-kawza xorta ma tistax titqies intempestiva stante li l-bank qed jaghmel il-kawza abbazi tal-kuntratt ta` self li jistipula b`mod car li l-bank jista` jitlob il-hlas lura tal-kapital u imghax wara semplici ittra. Hu minnu li ma jirrizultax ittra ghal hlas f`Ottubru 2010 jew f`dawk iz-zminijiet, pero` l-kawza hi interpellazzjoni fiha nfisha, u din il-Qorti ma tqis ghal daqshekk li hi intempestiva pero ser tiehu dan in-nuqqas ta` interpellazzjoni b`semplici ittra kif irid il-kuntratt ta` self qabel ma nfethu l-proceduri in konsiderazzjoni fil-kap tal-ispejjez billi ma gietx anticipata b`ittra ta` hlas minghand il-konjugi Mansfield."*

Rilevanti hafna ghall-kaz tal-lum kienet is-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/GCD</u>**) tad-29 ta` Ottubru 2002 fil-kawza "**<u>Atlas Insurance Agency Limited noe vs Sea Malta Company Ltd et</u>**". Hemm il-konvenuta The Cargo Handling Co Ltd tat l-eccezzjoni illi t-talbiet attrici ta` l-attrici kienu intempestivi ghax qatt ma kienet imsejha biex thallas id-danni ; fi kwalukwe kaz ma kellhiex tbati l-ispejjez. L-eccezzjoni kienet skartata. Il-Qorti qalet hekk :-

*"L-ahhar eccezzjoni hija dwar l-ispejjez tal-kawza ghax The Cargo Handling Company Limited qieghda tghid illi ma saritilha ebda sejha ghall-hlas qabel ma nfethet il-kawza.*

*Din l-eccezzjoni kien ikollha meritu li kieku l-eccipjenti kienet ammettiet it-talbiet, u ghalhekk il-kawza tkun saret ghalxejn ghax kienet tammetti qabel li kieku qabel il-kawza saritilha talba ghall-hlas. Ladarba izda saret kontestazzjoni, is-sejha ghall-hlas qabel il-kawza kienet xorta tkun saret ghalxejn, u ghalhekk l-eccezzjoni dwar l-ispejjez hija michuda.*

*L-ahhar eccezzjoni hija wkoll eccezzjoni ta` intempestività minhabba fin-nuqqas ta` sejha ghall-hlas qabel ma nfethet il-kawza. Hlief fil-kaz ta` kawzi kontra l-Gvern u xi awtoritajiet pubblici ohra, izda, ma hix mehtiega sejha ghall-*

*hlas qabel ma tinfetah kawza, u l-eccezzjoni ta` intempestività hija wkoll michuda."*

Din il-Qorti tikkondividi **<u>din</u>** is-sentenza u sejra tadottaha ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

**Ghalhekk qeghda <u>tichad</u> it-tielet eccezzjoni**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, spejjez ghall-konvenut, u tordna li jkompli s-smigh tal-kawza fil-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**